



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11212/24

JAI 1045
FRONT 198
MIGR 281
COMIX 287

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9942/24	
Suġġett:	Evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż ir-rieżami tal-Korp Permanenti – Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Ġunju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż ir-rieżami tal-Korp Permanenti, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ġunju 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni
tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG)¹,
inkluż ir-rieżami tal-Korp Permanenti**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Ġenerali

1. JILQA' r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament EBCG bħala kontribut għall-valutazzjoni tar-riżultati miksuba mill-Aġenzija EBCG (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-komunità EBCG biex tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament u tiżgura Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (EIBM) effettiva u l-effiċjenza tal-politika tal-Unjoni dwar ir-ritorn.
2. IFAKKAR li l-implimentazzjoni tar-Regolament EBCG seħħet fil-kuntest tal-isfidi migratorji fil-fruntieri esterni tal-UE u f'pajjiżi terzi ewlenin ta' orġini u ta' tranżitu, il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni.
3. JISĦAQ li l-implimentazzjoni tar-Regolament ikkontribwiet għat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, għat-titjib tal-effiċjenza tal-politika tal-Unjoni dwar ir-ritorn u biex tippermetti t-tnedija gradwali tal-Korp Permanenti EBCG; JISSOTTOLINJA li hija l-missjoni ewlenija tal-Aġenzija li tappoġġa lill-Istati Membri f'dawn l-isforzi.
4. JIEĦU NOTA tal-valutazzjoni pożittiva tar-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Regolament u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-lakuni identifikati u li ssir enfasi fuq aktar implimentazzjoni u konsolidazzjoni biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-komunità EBCG filwaqt li tinbeda wkoll riflessjoni dwar emendi mmirati possibbli għar-Regolament.

¹ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż rieżami tal-Korp Permanenti (5490/24 + ADD 1 + ADD 2)

5. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi li bħalissa jillimitaw l-effettività tar-Regolament bħala riżultat ta' nuqqasijiet organizzattivi, tekniċi u operazzjonali.
6. JENFASIZZA li b'żieda fil-kompiti fdati lill-Aġenzija u lill-komunità EBCG, b'mod partikolari bħala riżultat tal-implimentazzjoni tat-testi leġislattivi tal-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kif ukoll id-dħul fis-seħħ tas-sistemi ta' informazzjoni Ewropej il-ġodda, il-prijoritizzazzjoni tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija u l-użu effiċjenti tar-riżorsi ser ikunu kruċjali, b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru, fost l-oħrajn il-partikolaritajiet ġeografiċi u ġeopolitiċi.

Struttura governattiva

7. JINNOTA l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li d-distribuzzjoni tal-kompiti bejn il-Bord Maniġerjali u d-Direttur Eżekuttiv tal-Frontex kif ukoll l-istruttura ta' sorveljanza huma ċari u effettivi; JINNOTA l-ħtieġa li l-istruttura tal-organizzazzjoni tal-Aġenzija tiġi allinjata bis-siġh mal-mandat tagħha; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi implimentata bis-siġh l-istruttura organizzattiva l-ġdida adottata mill-Bord Maniġerjali f'Novembru 2023.

Għarfien tas-sitwazzjoni

8. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' stampa tas-sitwazzjoni komprensiva, preċiża u aġġornata fil-fruntieri esterni tal-UE; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu koperti l-komponenti ewlenin tal-EIBM fl-analiżijiet tar-riskju; JISĦAQ FUQ l-importanza ta' data ta' kwalità għolja u l-użu ta' din id-data mill-għodod kollha ta' għarfien tas-sitwazzjoni, inkluż l-analiżijiet tar-riskju u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, biex tinkiseb stampa kkonsolidata kważi f'ħin reali tas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni, inkluż iż-żona prefruntiera, u biex jingħata kontribut għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda fil-konfront tal-attivitajiet kriminali transfruntiera u l-migrazzjoni irregolari kif ukoll biex jingħata kontribut għall-iżgurar tal-protezzjoni u s-salvataġġ tal-ħajjiet tal-migranti; f'dan il-kuntest, JAPPELLA għal skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-UE u JENFASIZZA l-ħtieġa li jitlestha l-iżvilupp tal-EUROSUR.

Attivitajiet operazzjonali

9. IFAĦĦAR lill-Aġenzija għall-appoġġ tekniku u operazzjonali tagħha li tat lill-Istati Membri, b'mod partikolari l-assistenza tagħha fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll fil-fruntieri, operazzjonijiet konġunti u l-forniment tal-ispettru sħiħ ta' servizzi relatati mar-ritorn; JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-adattabbiltà tal-metodi ta' ħidma tal-Aġenzija għar-realtajiet u l-ħtiġijiet differenti tal-Istati Membri kif ukoll għas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni u l-viċinat tal-UE, b'kont debitu meħud tal-emerġenza ta' *modi operandi* ġodda ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u networks kriminali, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

Korp Permanenti u żvilupp tal-kapaċitajiet

10. JIKKONFERMA l-importanza ta' Korp Permanenti operazzjonali għalkollox u mmexxi mill-kwalità, li jappoġġa lill-Istati Membri fuq il-post; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal proċessi ta' reklutaġġ effiċjenti, skjerament u taħriġ adegwat, speċjalment għal esperti u profili speċjalizzati; JENFASIZZA li l-kompożizzjoni u l-għarfien espert tal-Korp Permanenti jirrikjedu rfinar sabiex jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet operazzjonali eżistenti u futuri; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' flessibbiltà biex il-persunal u t-tagħmir jiġu allokat i mill-ġdid wara bidliet fil-ħtiġijiet operazzjonali jew il-kapaċitajiet ta' akkoljenza fis-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni; Jissottolinja li hemm bżonn li l-limitazzjonijiet li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE li għandhom impatt fuq l-effettività tal-iskjeramenti jiġu indirizzati permezz tal-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni xierqa.
11. JIKKONFERMA l-importanza tal-impenn tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-Korp Permanenti sabiex jippermettu skjeramenti effettivi li jirriflettu l-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri.
12. JENFASIZZA li, matul it-tisħiħ u l-iskjerament tal-Korp Permanenti, hemm bżonn li jittieħed kont ta' ostakli prattiċi, bħal proċeduri għall-aċċess ta' bażijiet ta' data nazzjonali, ostakli lingwistiċi jew il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tal-Istati Membri.

13. IFAKKAR li EIBM effikaċi tirrikjedi kapaċitajiet u infrastruttura msaħħa għall-kontroll fil-fruntieri, mezzi ta' sorveljanza u tagħmir, inkluż tagħmir tekniku li jkun proprjetà tal-aġenzija; sabiex jiġi żgurat ippjanar strateġiku integrat fit-tul u prevedibbiltà għal investimenti ewlenin fil-kapaċitajiet fl-Aġenzija u l-Istati Membri, JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu żviluppati u aġġornati regolarment il-pjan direzzjonali tal-kapaċitajiet u l-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, f'konformità maċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali tal-EIBM.

Dimensjoni esterna

14. IFAKKAR fl-importanza tad-dimensjoni esterna tal-EBCG; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal approċċ ikkoordinat li jinvolti l-atturi rilevanti, li jorbot l-għarfien tas-sitwazzjoni u x-xejriet fil-fruntieri esterni kif ukoll f'pajjiżi ewlenin ta' orijini u ta' tranżitu, ma' attivitajiet operazzjonali, inkluż ir-ritorni.
15. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu konklużi u operazzjonalizzati ftehimiet dwar l-istatus jew arranġamenti ta' ħidma ma' pajjiżi ewlenin ta' orijini u ta' tranżitu, flimkien ma' sħubijiet strateġiċi eżistenti u ġodda ma' pajjiżi terzi ewlenin, bil-ħsieb, fost l-oħrajn, li jiġi evitat it-tluq irregolari lejn l-Unjoni; f'dan il-kuntest, JENFASIZZA li t-tisħiħ tal-fiduċja, l-għoti ta' assistenza teknika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'pajjiżi terzi jibqgħu ta' importanza kbira.

Ritorni

16. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-appoġġ tal-Frontex għar-ritorn, ir-riintegrazzjoni u r-riammissjoni, u l-ħtieġa li dan l-appoġġ jinżamm fil-futur, f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri.
17. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Bord Maniġerjali jipprovdi direzzjoni strateġika ta' kwistjonijiet relatati mar-ritorn abbażi tad-diskussjonijiet fil-livell espert u għoli u JAPPELLA lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-forum xieraq ta' livell għoli dwar ir-ritorni biex tittejjeb il-koordinazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE.

18. JAPPELLA għat-tisħiħ, fejn meħtieġ, tal-governanza nazzjonali tal-EIBM sabiex tiġi ssimplifikata l-pożizzjoni nazzjonali dwar ir-ritorni.
19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltajiet għall-Aġenzija biex tipprovdi appoġġ operazzjonali lil pajjiżi terzi fl-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn lejn pajjiżi terzi oħra.

Drittijiet fundamentali

20. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati r-rispett u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet tal-Aġenzija; JISSOTTOLINJA s-sejba tal-evalwazzjoni li l-qafas tad-drittijiet fundamentali fis-seħħ fl-Aġenzija jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-ġħoti ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi; JENFASIZZA r-rwol importanti tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali; f'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA li, f'konformità mar-Regolament EBCG, l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jassenja mill-inqas osservatur wieħed tad-drittijiet fundamentali għal kull operazzjoni; JENFASIZZA l-hteġa għal konsultazzjonijiet minn qabel mal-Istati Membri meta jiġu żviluppati proċeduri operattivi standard għall-osservaturi tad-drittijiet fundamentali fl-operazzjonijiet.

Konklużjoni

21. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tal-Bord Maniġerjali, JIKKONFERMA li l-Kunsill ser jipprovdi gwida politika u strateġika xierqa dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-komunità EBCG, biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u koordinata tar-Regolament EBCG; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrieżamina regolament il-progress u tirrapporta dwar il-miżuri biex jiġu indirizzati l-lakuni identifikati bil-ħsieb li tipproponi emendi f'waqthom għar-Regolament fejn meħtieġ u wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa.